

Brussell, 8 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8718/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0110 (NLE)

AGRI 178
AGRIORG 46
OIV 4

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 234 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 234 annex.

Mehmuż: COM(2025) 234 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.5.2025
COM(2025) 234 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni
Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV)**

ANNESS

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġett għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, għandhom jappoġġaw l-abbozzi tar-riżoluzzjonijiet li ġejjin fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għall-20 ta' Ġunju 2025:

- OENO-MICRO 22-713A: L-għadd taċ-ċelloli tal-ħmira bl-użu taċ-ċitometrija tal-fluss fil-most tal-ġheneb u fl-inbejjed;
- OENO-MICRO 22-713B: L-għadd taċ-ċelloli tal-ħmira bl-użu taċ-ċitometrija tal-fluss fil-kulturi tal-ħmira;
- OENO-MICRO 23-739: Validazzjoni ta' protokoll standard għall-evalwazzjoni tal-proprietajiet tal-fermentazzjoni tar-razez *S. cerevisiae*;
- OENO-TECHNO 14-540B: Prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbid parzjalment dealkoholizzat, soġġett għall-fehim li t-taqsimha dwar "Taħlil" u b'mod partikolari d-Definizzjoni "*Żieda ta' sustanzi li jaġhtu l-ħlewwa ma' nbid dealkoholizzat*" jenħtieġ li tiġi interpretata bħala limitata għall-prodotti elenkati fil-"*Preskrizzjoni*";
- OENO-TECHNO 23-730: Limitu tal-aċidu sorbiku fl-inbid;
- OENO-TECHNO 23-738: Trattament tal-most bl-aċidu fumariku għall-kontroll mikrobijoloġiku;
- OENO-TECHNO 21-691: Determinazzjoni tal-proporzjonijiet isotopiċi tal-aċidu tartariku (L +) $^{13}\text{C}/^{12}\text{C}$ U $^{18}\text{O}/^{16}\text{O}$ permezz tal-ispettrometrija tal-massa tal-proporzjon tal-iżotopi;
- OENO-TECHNO 21-728: Determinazzjoni tal-proporzjonijiet isotopiċi tal-kitosan $^{13}\text{C}/^{12}\text{C}$ U $^{15}\text{N}/^{14}\text{N}$ permezz tal-ispettrometrija tal-massa tal-proporzjon tal-iżotopi.

L-Istati Membri tal-Unjoni li huma Membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV) li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni, u soġġett għal kull rieżami futur abbażi ta' żviluppi ġodda, ma għandhomx jappoġġaw l-abbozz tar-riżoluzzjoni segwenti fl-istadju 7 matul l-Assemblea Ġenerali tal-OIV skedata għall-20 ta' Ġunju 2025:

- OENO-TECHNO 14-540A: Prattiki enoloġiċi speċifiċi għall-inbid dealkoholizzat.